# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt    Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 52 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis 3 t'April 2014 fis-6.00 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**52/01 Talba**

52/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.18 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba.

**52/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 51.**

52/02/01 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 51/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 51/06.

**52/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa 51**

52/03/01 **Para 51/03/01**:- Is-SE infurmat li bħalissa l-awditur maħtur mill-Gvern Ċentrali qed jagħmel l-awditjar annwali. Hija ser tibgħat il-Minuti tal-Laqgħat tal-Kunsill li saru matul l-2013 għall-*binding* kif ilesti l-awditur.

52/03/02 **Para 51/03/02**:- ***Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti għalqet fit-18 ta' Marzu 2014 u l-Kunsill kien irċieva offerta waħda mingħand is-Sur Carmel Abela ta' *Comfort Stairs* għall-valur ta' €9,940. Il-Kunsill unanimament qabel li jinbidel f'Bord tal-Aġġudikazzjoni.

Il-Kunsill unanimament qabel li jikkonsulta mal-Perit tal-Kunsill kif ukoll issir laqgħa fuq il-post li għaliha jattendi kemm il-Perit kif ukoll l-offerent bil-għan li f'dan l-istadju tinkiseb aktar informazzjoni. Deċizjoni finali dwar din it-tender tittieħed f'laqgħa oħra.

52/03/03 **Para 51/03/03**:- **It-Torri tas-Semoforu**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Stigter ippreżenta il-polza tas-sigurta' lill-Kunsill. Din għad trid tkun iċċekkjata mis-SE li ser issegwi ukoll il-formola tal-ARMS rigward il-*metres* tad-dawl u l-ilma. Is-SE ser tieħu ħsieb ukoll tirranga appuntament ħalli l-Kunsillieri ikunu jistgħu jżuru t-Torri.

52/03/04 **Para 51/03/04**:- **Ġnien tal-Ponta**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE talbet lid-Direttur tal-*Paying Agency* estenzjoni fuq id-data għat-tlestija tal-proġett u dan approva estenzjoni sa l-aħħar ta' Mejju 2014. Il-*works order* lil ELC għal *Landscaping Works* għadha pendenti. Kienet saret laqgħa mal-Perit Chris Grech dakinhar qabel il-Laqgħa tal-Kunsill dwar l-istimi li kienu inġabru għax-xiri tal-bankijiet, *bins* u *picnic tables*. Il-Perit kien

qed jirrakkomanda li tintgħazel l-offerta' ta' B. Grima & Sons Ltd peress li dan jista' joffri *picnic tables* li huma *custom made* u jkunu skont id-disinni li kienu approvati mill-MEPA. Il-Kunsill approva unanimament li jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Perit u li jinxtraw 4 bankijiet, 4 bins u 2 picnic tables mingħand B Grima & Sons Ltd jekk kemm il-darba dan jikkonferma li jista' jipprovdi dawn il-prodotti sal-aħħar ta' Mejju 2014. Sadanittant ġie innotat li tkompla x-xogħol sabiex jeħel ir-*railing* u jinbidlu s-siġar. Is-SE għandha tkompli issegwi mal-kuntrattur sabiex dan jipprovdi stima sabiex isir il-*coping*.

Is-SE infurmat li l-Kunsill kien ser jingħata 30 siġra indiġeni mingħand id-dipartiment ta' Dr Charles Grech u 30 siġra tal-Għargħar mingħand mid-Dipartiment tas-Saħħa. Il-Kunsill unanimament irringrazzja lil dawn id-dipartimenti u qabel li dawn is-siġar jitħawwlu fi Triq Għaxqet l-Għajn, fil-Ġnien tal-Ponta u fis-*Searchlight Battery*.

52/03/05 **Para 51/03/05 :- Triq San Gwann**: Il-Kunsillier Vincent Galea nforma li hu kien kiteb lit-Transport Malta (TM) dwar il-*bollards* li tkissru fi Triq San Ġwann. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li s-Sindku u s-SE biss jistgħu jiktbu dirett lill-entitajiet. Is-SE kienet kitbet lit-TM imma huma kienu ghadhom ma wieġbux. Il-Kunsillier Galea kiteb dirett peress li ma kienetx intbgħatet *reminder* mis-SE. Is-SE intalbet is-segwi t-tiswija tal-*bollards* u t-twaħħil tal-*cats eyes*.

52/03/06 **Para 51/03/06 :- Laqgħa mas-*CEO* tal-*Green MT*** – Is-SE infurmat lill-Kunsill li ntbgħatu ħafna *reminders* biex jiġu fornuti l-boroz il-grizi imma s'issa il-Kunsill għadu ma rġieva l-ebda konsenja.

Il-Kunsill innota li s-sejħa għall-offerti għas-servizz tal-ġbir tal-iskart imħallat għadha pendenti minkejja li l-kuntratt issa skada fl-ahhar ta' Marzu 2014. Is-SE ġiet infurmata sabiex toħroġ din is-sejħa immedjatament. Is-SE infurmat lil-Kunsill li hija qegħda taħdem fuq dan it-*tender* imma kellha prioritajiet oħra.

Ġie innutat ukoll li diversi sejħiet oħra għadhom ukoll pendenti fosthom għal servizz ta' Perit, s-servizz tal-latrina u x-xiri u twittija tal-konkos fi Sqaq il-Maħruq. Il-Kunsill informa lis-SE għandha issib il-ħin u toħroġ dawn is-sejħiet peress li uħud minnhom ilhom pendenti xhur ez: tal-Perit ilha pendenti minn Awwissu 2013 u tal-ġbir tal-iskart f'Novembru 2013 il-Kunsill iddeċieda li tinħareg sejħa għall-offerti. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li hija kellha tgħallem ħaddiema amminsitrattivi ġodda u li kellha riżenja ta' skrivana wara li kienet ilha ħmistax biss u s-SE u l-EO għamlu xi 3 xhur waħedhom. Sadanittant hija lestiet *tenders* oħra bħal tal-*Live Streaming* u tal-*Bulky Refuse* u ħadet ħsieb applikazzjonijiet ta' Proġetti oħra u attendiet laqgħat ma Periti u Kuntratturi. eċċ. Hija għandha d-dokumenti tat-*Tenders* kwazi lesti imma kellha tipprepara wkoll għall-Awditur u għall-Festa tal-Ħalib dawn l-aħħar gimgħat.

52/03/07 **Para 51/03/07 :- Triq Indipendenza *:*** Is-SE infurmat li kif ikollha r-ritratti hi ser tibgħat l-ittra lil TM.

52/03/08 **Para 51/03/08**:- ***Euro Clean:*** Is-Sindku u s-SE iltaqgħu mal-kuntrattur tal-iskart imħallat dwar il-kontijiet tad-*diesel*. Il-kuntrattur qed isostni li l-ammonti mitluba huma korretti. Peress li l-Kunsill mhux qed jaqbel ma dan ġie unanimament deċiż li s-SE tikteb lid-

Dipartment għal Gvern Lokali (DGL) u titlob direzzjoni ta' kif għandhu l-Kunsill ipproċedi.

Is-Sindku qal li jidher li xi kontijiet li kienu ġew sottomessi mill-kuntrattur għas-servizz tal-ġbir tal-iskart u li ġew imħallsa mill-Kunsill ma kienux maħduma kif suppost u hemm il-possibilita' li l-Kunsill ħallas flus aktar milli suppost. Hu personalment kien iċċekkja l-kont ta' Marzu 2014 li kien bagħat il-kuntrattur u sab li l-Kunsill kien qed jintalab iħallas madwar €20 aktar milli suppost. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni tas-SE li kull kont li hi tirrakkomanda sabiex jiġi approvat mill-Kunsill għandu jkun iccekkjat sew. Il-Kunsill unanimament qabel li s-SE ticcekkja l-kontijiet kollha li kien bagħat dan il-kuntrattur u tinforma lill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

52/03/09 **Para 51/03/09 :- Festival tal-Ħalib 2014** – Is-SE infurmat li l-permessi tal-Pulizija u ta' TM kienu inkisbu kif ukoll tqassmu avviżi lir-residenti li joqgħodu fit-toroq li ser jingħalqu għat-traffiku jew li fihom ma jistax isir ipparkjar ta' vetturi. Kienet qed issir promozzjoni għall-festival fost l-oħrajn permezz ta' zewg *billboards.* Il-Kunsill unanimament approva li jinkera s-servizz ta' 3 Pulizija u 2 Gwardjani kif ukoll li l-kuntrattur tat-tindif jintalab jieħu ħsieb jipprovdi l-*bins* u jnaddaf hekk kif tispiċċa l-attivita'. Ġiet approvat il-parteċipazzjoni ta' żewġ gruppi folkloristici kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-*events co-ordinator* għall-kiri ta' diversi servizzi bħal PA system, kiri ta' *generator*, servizz ta' ambulanza eċċ.

52/03/10 **Para 51/03/10 :-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija bgħatet il-linji gwida dwar t-tabella meħtieġa għall-Ġnien il-Ponta lill-Perit. Is-SE intalbet issegwi u tiżgura li din it-tabella tkun weħlet sad-data ta' meta jrid jitlesta l-proġett.

52/03/11 **Para 51/03/11:- Sejħiet għall-Offerti**: Is-SE infurmat li s-servizz tal-*Live Streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill issa qed ikun provdut. Hi kienet ħadet ħsieb li l-*internet* tal-Melita jigi *upgraded* u fil-jiem li għaddew kienu ġew installati l-*cameras* u apparat ieħor. Is-SE ingħatat program apposta biex tkun tista' tixgħel is-sistema tal-*live streaming* u tirrekordja il-filmati. Is-SE infurmat lid-DGL li l-Kunsill żamm mar-regoli tal-iskema li kien ħareġ id-DGL stess. Hi ser issegwi l-kontijiet kif ukoll li ssir talba lid-DLG sabiex ningħataw lura parti mill-ispiża involuta.

52/03/12 **Para 51/03/12:- Ilment 18114083204463** – Is-SE infurmat li hija irċiviet ir-ritratti tal-postijiet fejn iridu jeħlu t-*traffic humps* u ser tikteb lill-TM.

52/03/13 **Para 51/03/13**:- **Plakek ħdejn postijiet storiċi:**- Ġiet ipprezentata stima mingħand is-Sur Joe Mula ta' €70 il-waħda. Il-Kunsill talab lill-Kunsillier Christopher Fenech sabiex jitlob lis-Sur Mula sabiex jippreżenta disinn ta' kif ser jiġu dawn l-*istands*.

52/03/14 **Para 51/03/14:- Kunċert Mużikali:** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li hu kien iċċekkja u sab li sabiex tingieb l-Orkesta Nazzjonali ser ikun hemm spiża konsiderevoli. Hu kien qed jissuġġerixxi li titella attivita' muzikali bis-sehem ta' arpa u xi strumenti oħra fil-Knisja Parrokkjali. Ġie deċiż li l-Kunsillier Muscat l-ewwel jitkellem mal-Kapillan dwar dan is-suġġeriment u wara tinżamm laqgħa mal-Mro. Christopher Muscat.

52/03/15 **Para 51/03/15:- *Business Plan* 2014 -2017:** Is-SE infurmat li għad trid tibda taħdem fuq dan id-dokument.

52/03/16 **Para 51/03/17:-** Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-Enemalta sabiex jinkiseb il-permess sabiex titwaħħal bozza ġdida ma arblu fi Triq Dun Karm Fenech kantuniera ma Triq Indipendenza.

52/03/17 **Para 51/03/19:-** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE u l-Kunsillier Galea attendew il-laqgħa dwar *Accessibility Award.* Is-SE qalet li l-Kunsilli jistgħu japplikaw għal din il-kompetizzjoni fejn hemm 3 premijiet. Importanti li din il-formola tkun fornuta b'ritratti u informazzjoni xierqa. Is-SE u l-Kunsillier Galea għandhom jieħdu ħsieb li din l-applikazzjoni titlesta ħalli tintbagħat fil-ħin.

52/03/18 **Para 51/03/20:- Poloz tas-Sigurta**: Is-SE infurmat il-Kunsill li għad trid tiċċekkja l-poloz eżistenti. Hija għandha tara jekk jistgħux jiġġeddu u jekk le għandha tinħareġ sejħa ġdida sabiex jinġabru stimi. Peress li dawn il-poloz jagħlqu f"Mejju s-SE intalbet tieħu ħsieb din il-materja mill-aktar fis possibbli.

52/03/19 **Para 51/03/22:- Tberik tal-Annimali:** Is-SE infurmat li biex jinkera s-servizz ta 2 pulizija fuq iż-żwiemel dan ser jiswa €260. Il-Kunsill filwaqt li qabel li jikri dan is-servizz innota ż-żieda sostanzjali fuq l-ammont mitlub meta imqabbel ma l-ammont li tħallas is-sena li għaddiet. Ġie deċiż li għandu jiġi nfurmat il-Kumitat Tberik tal-Annimali li miegħu qed tiġi organiżżata din l-attivita'.

52/03/20 **Para 51/06/09:-** Korrispondenza mid-DGL dwar *Capital Vote* 7237 - *EU-funded projects in Localities.* Is-SE ser tinforma lill-Kunsill f'laqgħa oħra dwar din il-korrispondenza.

52/03/21 **Para 51/06/14**:- Is-SE infurmat li l-Perit Falzon bgħatt l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għat-*Tender* għal-Konkos għall-Sqaq il-Maħruq. Hija għandha taħdem fuq dan it-*Tender*. Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE sabiex tagħmel dan mill-aktar fis possibbli.

52/03/22 **Para 51/07/05**:- Il-Kunsillier Galea nforma li ser isegwi mas-Sur Martin Casha dwar il-ġemellaġġ.

**52/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

52/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash*. Ġew ippreżentati 3 kontijiet mingħand il-Perit Chris Grech relatati mal-bini tal-Ġnien tal-Ponta li jammontaw għal €2,601.65. Il-Kunsill unanimament qabel li dawn il-kontijiet jitħallsu wara li jkunu ġew iċċekkjati mis-SE.

**52/05 Ilmenti u Suggerimenti**

52/05/01 Talba 18114061208408 - Talba biex quddiem dar fi Triq Ferdinand isiru *double yellow lines* għaliex il-karozzi qed jipparkjaw quddiem il-bieb u r-residenti tad-dar mhux qed ikunu jistgħu jidħlu. Il-Kunsill unanimament qabel li jsiru *double yellow lines* quddiem il-bieb tad-dar.

52/05/02 Talba 8114019208583 - Talba sabiex titwaħħal *bollard* fi Triq Katerina Sammut peress li l-vetturi qed jolqtu l-faċċata tal-bini. Dwar din it-talba l-Kunsill irċieva petizzjoni

mingħand ir-residenti. Il-Kunsill unanimament qabel li titwaħħal il-*bollard* kif mitluba. Il-Kunsill iddeċieda ukoll li jitlob il-permess ta' TM sabiex titwaħħal *bollard* fi Triq Katerina Sammut kantuniera ma Sqaq Warda sabiex vetturi ma jkunux jistgħu jidħlu fi Sqaq Warda li hu dejjaq ħafna.

52/05/03 Ilment 18114025208584 - Ilment li f'Wied Anġlu qed jintefa terrapien speċjalment tard filgħaxija jew kmieni filgħodu meta jkun id-dlam. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li dan l-ilment jerġa jiġi mgħoddi lill-Pulizija kif ukoll lill-MEPA.

52/05/04 Il-Kunsillier Muscat informa l-Kunsill fi Triq Excelsior hemm bżonn li jittawwal line isfar viċin garaxx. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan is-suġġeriment.

52/05/05 Il-Kunsill irċieva talba biex titnehha *reserved parking bay* fi Triq Indipendenza. Is-SE intalbet tikteb lit-TM u titlob li din titneħħa.

52/05/06 Il-Kunsillier Christopher Fenech informa li resident li joqgħod fi Triq Sta Katerina talab sabiex il-kaxxa s-safra ta’ quddiem il-garaxx tiegħu tittawwal għaliex qed jipparkjaw viċin il-vetturi u ma jkunx jista’ jara sew meta jiġi biex joħroġ mill-garaxx. Il-Kunsill innota li din il-problema qed tinħoloq għaliex il-vetturi mhux qed jipparkjaw sew horiżontali mal-bankina. Fiċ-ċirkustanzi għandu jsir rapport lill-Pulizija.

52/05/07 Il-Kunsillier Galea ġie skużat bejn is-7.39 u 7.45 peress li kellu telefonata mportanti.

52/05/08 Il-Kunsill talab lis-SE sabiex tirraporta lill-Pulizija 2 karozzi li ilhom abbandunati, waħda fi Triq Indipendenza bin-numru BAB 555 u oħra fi Triq Gargallo kantuniera ma Triq San Bartilmew bin-numru EAE136.

52/05/09 Ilment li fi sqaq fi Triq il-Ġdida qed iżomm l-ilma meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill innota li fin-nofs ta’ din it-triq kien diġa sar *culvert* sabiex jilqa’ l-ilma pero fuq in-naħa ta’ ġewwa għalkemm verament iżomm ftit ilma ma jista’ jsir xejn peress li t-triq taqleb il-ġewwa lejn dan l-isqaq.

**52/06 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

52/06/01 Korrispondenza mill-*Malta Communications Authority* (MCA) dwar *Be Smart Online-Community Sessions*. Is-SE infurmat lill-Kunsill li huma rċevew il-formoli tal-attendenzi sabiex jintlew waqt il-lezzjonijiet sabiex il-Kunsill ikun jista’ jitlob ħlas għall-kull persuna li tattendi. L-MCA bgħatu wkoll *brochure* għal kull applikant. Il-Kunsillier Galea intalab sabiex jiġbor id-dettalji tal-attendenza u jgħaddihom lis-SE.

52/06/02 Korrispondenza mill-UEFA dwar il-*UEFA European under 17 Championship-Malta 2014*. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jippartecipa. Il-Kunsillier Galea u s-SE ser jieħdu ħsieb din il-materja.

52/06/03 Korrispondenza mit-Transport Malta tinforma li applikazzjoni minn residenta għal-*reserved parking bay* fi Triq San Bartilmew ġiet irrifjutata għaliex instab li fir-residenza ma kienx hemm persuni b’diżabilita’.

52/06/04 Memo 8/2014 mid-DGL dwar Protokoll tal-Bnadar fil-Festi Nazzjonali eċċ. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

52/06/05 Korrispondenza dwar *Reach Out-One Time Zone Initiative*. Il-Kunsillier Galea ser isegwi flimkien mas-SE.

52/06/06 Memo 11/2014 mid-DLG dwar Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Procurement)*. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

52/06/07 Korrispondenza mill-Uffiċċju Parrokjali dwar il-Purcissjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp. Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareg in-*No Objection.*

**52/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

52/07/01 Il-Kunsill irċieva talba fejn persuna offriet li tnaddaf il-panelli fotovotajiċi li għandu l-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li dan ix-xogħol ikompli isir mill-ħaddiema tal-Kunsill stess.

52/07/02 Il-Kunsillier Fenech tkellem dwar vandalizzmu li sar fil-jiem li għaddew fis-*Searchlight Battery* fejn xi ġadd daħal bla permess tal-Kunsill u għamel BBQ fil-passaġġ, twaqqgħu ħitan tas-sejjiegħ u nqalgħu 2 siġar. Diġa ittieħdu l-passi meħtieġa sabiex jitranġaw il-ħitan u l-post kien tnaddaf. Issa ser jinqata' l-ħaxix. Il-Viċi Sindku talab li niktbu lis-Spettur tal-Pulizija sabiex iżidu s-surveljanza f'dawn in-naħħiet.

52/0703 Il-Kunsillieri Muscat u Galea infurmaw li ser issir ħarga kulturali għal Marsaxlokk f'Jum San Girgor. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

52/07/04 Il-Kunsillier Fenech tkellem dwar il-possibilita' li jsir DVD dwar ir-raħal. Hu qal li s-Sur Eusebio Aquilina kien lest li jgħin sabiex isir dan id-DVD. Il-Kunsill unanimament qabel li jikkunsidra aktar dan is-suġġeriment u ġġe deċiż li l-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi u l-Kunsillier is-Sur Fenech flimkien mas-SE jiltaqgħu mas-Sur Eusebio Aquilina biex jiddiskutu iżjed dan is-suġġett.

52/07/05 Is-SE infurmat li ġiet infurmata mill-ingineer li wasal iż-żmien sabiex issir *inspection* oħra lill-lift. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir din l-*inspection* u talab lis-SE sabiex tirranħa appuntament wara li tkun ikkonfermat li ma kienx baqa' xi pendenzi mill-aħħar *inspection report*.

**52/08 Aġġornament**

51/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.25 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta 15 t'April 2014 fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **15 t'April 2014** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |